MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 79/2009

**Panta Marketing & Services Limited (C-11233)**

**Vs**

**Joseph Mohnani**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta attrici mressqa fit-28 ta' Jannar, 2009** u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet lill-konvenut jhallasha s-somma ta' elfejn mija u dsatax-il euro u tlieta u sebghin centezmi ta' euro [€2,119.73] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Titlob lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elfejn mija u dsatax-il euro u tlieta u sebghin centezmu (€2,119.73), rapprezentanti bilanc minn ammont akbar dovut lis-socjeta attrici ghall-bejgh u installazzjoni ta' sistema "VRF", liema bejgh u installazzjoni gew maghmula fuq struzzjonijiet ta' l-istess konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali".

Ra **r-risposta tal-konvenut** minnu mressqa fid-9 ta' Marzu, 2009 u li permezz taghha huwa eccepixxa hekk:

"Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi l-konvenut m'ghandu jhallas xejn lis-socjeta attrici minhabba illi s-socjeta attrici ghada sa llum ma wettqitx l-obbligi kuntrattwali assunti minnha minhabba li hija ma nstallatx l-oggett miftiehem bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez".

Ra **l-kontro-talba mressqa mill-konvenut** u li permezz taghha talab lit-Tribunal sabiex jillikwida ammont, liema ammont ma jeccediex il-kompetenza tieghu, bhala danni sofferti minnu u dan wara li premetta hekk:

"Is-socjeta attrici rikonvenzjonata ghandha thallas lill-konvenut somma li ma teccedix il-kompetenza ta' dan it-Tribunal rapprezentanti kemm arrikkiment indebitu maghmul mis-socjeta attrici kif ukoll danni sofferti mill-konvenut minhabba li s-socjeta attrici installat sistema "VRF" differenti minn dak miftiehem liema sistema hija mwahhla fl-istruttura tal-appartament u ma tistax tinqala minghajr ma ssir hsara kbira.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-socjeta attrici".

Ra **r-risposta tas-socjeta attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut** minnha mressqa fil-21 ta' April, 2009 u li permezz taghha hija ecceppiet hekk:

"1. Illi l-kontro-talba ta' Joseph Mohnani ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess Joseph Mohnani ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi preliminarjament il-kontro-talba hija preskritta ai finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-artikoli 1027 u 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Illi fil-mertu u in ogni kaz minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jirrizulta fil-mori ta' dina l-procedura;

iii. Illi in oltre, fil-mertu ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba odjerna hija wahda frivola u vessatorja u qed issir biss sabiex l-attur Joseph Mohnani jizvinkola ruhu mill-obbligi kontrattwali tieghu mas-socjeta konvenuta u infatti dina t-talba saret biss wara illi s-socjeta konvenuta intavolat proceduri, fl-ismijiet inversi quddiem dan it-Tribunal, sabiex tirkupra minghand l-attur il-bilanc minnu dovut ghall-bejgh u installazzjoni ta' *air conditioning system* maghrufa ahjar bhala "VRF *system*".

iv. Salv kull eccezzjoni ohra permessa mil-Ligi".

Ra l-verbal datat 26 ta' April, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Ra r-risposta ulterjuri mressqa mill-konvenut fl-1 ta' Frar, 2010 fejn ippremetta hekk:

"It-talba attrici ghandha tigi michuda stante illi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez."

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. **Stephen Frendo**, xehed fis-seduta tat-30 ta' Gunju, 2009. Huwa stqarr li jahdem fis-*sales department* tas-socjeta attrici li kienet bieghet lill-konvenut *centralized system* tal-*air conditioning*. Gie esebit il-kuntratt ligie ffirmat bejn il-kontendenti li gie mmarkat bhala dok. P1. Is-sistema li inbieghet lill-konvenut hija maghrufa bhala VRS System. Din tikkonsisti f'kompressur wiehed u diversi *indoor units*.

Zied ighid illi "*waqt illi konna qeghdin inwahhlu din is-sistema fid-dar tal-konvenut, nerga nispjega illi kien gieh id-dubju dwar il-power li kien se jinghata fil-bedrooms. Pero jiena nispjega illi din is-sistema fiha l-facilita li taghmel modification fis-sistema sabiex tkun tista tkessah post aktar minn post iehor u ghalhekk fil-fatt nizzilna l-kapacita li kien hemm fis-sistema sabiex tkessah il-living/dining illi ovvjament kellha kapacita pjuttost kbir u d-differenza f'din il-kapacita tfajnieha fil-kmamar tas-sodod*". Il-konvenut, skond ma jghid dan ix-xhud, accetta dawn il-modifiki. Dawn il-modifiki kienu saru ukoll sabiex il-konvenut ma joqghodx jidhol fi spejjez zejda ta' kumpressur ikbar li kien ifisser li l-istess konvenut jkollu johrog aktar flus.

Ix-xoghol sar u l-konvenut ghamel diversi pagamenti "*... sa meta wasal biex ihallas il-bilanc finalment, huwa kien sab oggezzjoni fuq dan il-fatt u cioe illi ma konniex imxejna ezattament kif konna ftehmna ghaliex kienu saru dawn il-modifiki u kien qed jirrifjuta li jhallas il-kumplament*" (fol. 15). Ix-xhud ighid ukoll li kienu saru diversi laqghat mal-konvenut u talab lill-konvenut sabiex igib mieghu lill-Ingineer tieghu John Muscat ghall-istess laqgha.

Qal ukoll li l-konvenut kien qal lilu lill-Ingineer tas-socjeta attrici Charles Cutajar li huwa kien bi hsiebu jhallas. L-ilmenti bdew meta intbaghtet l-ahhar *invoice.* Fil-fatt, f'dan ir-rigward ighid li "*sakemm konna baghtna l-ahhar invoice pendenti, ma kien hemm l-ebda ilmenti da parti tas-Sur Mohnani*" (fol. 15).

In kontro-ezami gie mistoqsi kif jigu stabbiliti l-*cooling capacity* ta' kull kamra u stqarr li din tinhadem skond formula li ghandhom huma.

2. **Charles Cutajar**, *assistant manager*, mas-socjeta attrici xehed fis-seduta tat-30 ta' Gunju, 2009. Huwa qal li safejn jiftakar hu, s-sistema "*dejjem sibtha tahdem tajjeb u cioe dik li kienet installata ghand il-konvenut*" (fol. 21).Qal ukoll li kien "*imsejjah diversi drabi mill-konvenut peress illi skond hu kien hemm xi kmamar li ma kienux qeghdin ikesshuhom jew jissahnu*" (fol.21-22). Meta mar huwa sab li l-affarijiet kienu tajbin. Zied ighid li "*... l-konvenut kien prezenti mieghi u kien iccekjahom hu stess*" (fol. 22). Il-konvenut, ighid dan ix-xhud, deher sodisfatt u qallu personalment li kien ser jmur u jhallas il-bilanc. Din qalilu diversi drabi, sahansitra meta x-xhud kien qieghed jippassiggja ma martu gewwa l-Belt quddiem il-hanut tal-konvenut.

3. Fis-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009 xehed **Diego Attard**, *debt controller* mas-socjeta attrici. Huwa qal li l-problema inqalghet meta proprju kien wasal l-ahhar pagament li kellhu jaghmel il-konvenut. Is-sistema bdiet tahdem fit-3 ta' Ottubru, 2006. Xi ftit wara din id-data, l-konvenut kien cempel lix-xhud u qallu "*... kellhu sitt xhur skond il-kuntratt sabiex ihallas il-bilanc dovut lis-socjeta attrici*" (fol. 26). Wara li kien ghadda dan il-perjodu, huwa reggha cempel lill-konvenut u dan ma tah l-ebda raguni ghala ma riedx ihallas dan l-ammont. Wara li kien cempillu, l-konvenut hallas is-somma ta' elfejn liri Maltin (Lm2,000) u kien ghad fadallu jhallas s-somma bilancjali ta' Lm910 ekwivalenti ghal €2,119.73 u cioe l-ammont li qeghda titlob is-socjeta attrici permezz ta' dawn il-proceduri. Minkejja d-diversi weghdi tal-konvenut li huwa kien sejjer ihallas dan l-ammont, huwa baqa ma hallasx u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

4. Fl-istess seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009 xehed **l-Inginier John Muscat**. Huwa qal li kien gie nkarigat mill-konvenut sabiex jaghmel *survey* tal-*equipment* tal-*air conditioning* installat fl-appartament tieghu. Mill-investigazzjoni li huwa ghamel "*irrizultali wara dan kollhu*

*illi zewgt units illi kienu nstallati f'zewgt spare bedrooms kellhom kapacita ftit ikbar minn dawk li kienu gew ikkwotati u miftehma mis-socjeta attrici mal-konvenut, pero fir-rigward fis-sitting living area ta' l-istess post, il-units hemmhekk kienu gew installati u kienu kellhom capacity inqas minn dawk ordnati mill-konvenut* " (fol. 32). Ghar-rigward tal-parir li s-socjeta attrici kienet tat lill-konvenut biex jitbiddlu ftit is-*settings* sabiex dawk li kellhom kapacita *oversized* jitbaxxilhom ftit il-kapacita u jaghmlu tajjeb ghal dawk li kellhom kapacita inqas huwa jistqarr li dan il-parir ma kienx accettabbli ghalih. Dan ghas-semplici raguni "*... illi jekk wiehed kellu jbiddel is-settings b'dan il-mod, kien jaghmel tajjeb ghal madwar hamsa fil-mija ta' differenza fil-kapacita. Mentri fil-fatt id-differenza bejn magna b'kapacita partikolari u magna b'kapacita ftit inqas hija ghal xi tlettax fil-mija ta' differenza, u allura dan kien ifisser li xorta kien ikun hemm nuqqas ta' seba' fil-mija ta' kapacita*" (fol. 32). Is-socjeta attrici ghal din l-oggezzjoni tieghu kienet ipproponiet li jinbidlu l-units li ma kienux skond dak miftiehem. Ghal din il-proposta, dan ix-xhud oppona "*... ghas-semplici fatt illi f'dan il-kaz il-pipijiet ma kienux ikunu adegwati ghal units il-godda u ghalhekk il-pipijiet kieku kellhom jinbidlu*" (fol. 32-33). Oltre dan, kien ser ikun hemm spiza kbira involuta u dan peress li l-pajpijiet kienu ghaddejjin mill-hitan u s-soqfa.

5. **Il-konvenut** xehed bil-procedura ta' l-affidavit. Huwa qal li fit-3 ta' Dicembru, 2004 huwa kien iffirma ftehim mas-socjeta attrici (dok. JM 1) fejn fost affarijiet ohra kien hemm specifikat fhiex kellha tikkonsisti s-sistema tal-VRV, liema sistema kienet giet suggerita minn Stephen Frendo (rapprezentant tas-socjeta attrici) u accetata minnu. Xi zmien wara li kien gie ffirmat dan il-ftehim, is-sistema giet installata fl-appartament tal-konvenut minn haddiema tas-socjeta attrici. Il-*copper wiring* li intuza mas-sistema ghaddej minn fuq is-soffitt tal-appartament kollu. Ukoll, l-*indoor units* huma imdahhla fis-soffitt u min gos-soffitt kull ma hemm hija *manhole* zghira ghal *maintenance works* u l-*grid* tal-i*stainless steel* tal-*airconditioning units*.

Wara li kien tlesta s-soffitt, il-haddiema tas-socjeta attrici marru biex jaghmlu l-*commissioning* tas-sistema. Wara xi problemi ta' xi *leakage*, li l-addetti tas-socjeta attrici rrangaw, kien sar appuntament mal-konvenut sabiex tigi ppruvata s-sistema. Il-konvenut infurmahom li "*... fil-kamra tas-salott specjalment is-sistema ma kienitx qed tkessah bizzejjed u fil-fatt kemm kemm kont thossu*" (fol. 44). Skond il-konvenut, l-addetti tas-socjeta attrici qalulu li "*ma kontx qed inhoss il-kesha minhabba li ma kienx hemm ghamara u purtieri fil-kamra ghax din kienet ghada bare*" (fol. 44).

Xi zmien wara, s-socjeta attrici baghtet ittra lill-konvenut sabiex huwa jaghmel *servicing* tas-sistema maghhom. F'din l-ittra kien hemm imnizzla l-*airconditioning units* li kellu nstallati fl-appartament tieghu l-konvenut flimkien mal-BTU's rispettivi tal-*airconditioners*. Kien minn din l-ittra li l-konvenut induna li "*... units installati ma kienux jaqblu ma dak li kien hemm imnizzel fil-kuntratt*" (fol. 44). Kien ghalhekk li l-konvenut baghat ghas-*service manager* tas-socjeta attrici u nfurmah li l-*airconditioner* ma kienx qieghed jahdem sew. Meta staqsieh x'*power* kellhom l-*airconditioners* installati fl-appartament tieghu, l-konvenut seta jikkonstata li dak li kien qieghed jghidlu s-*service manager* ma kienx qieghed jaqbel ma' dak li kien hemm imnizzel fil-kuntratt. Il-konvenut wasal ghal konkluzzjoni li huwa ma kellux dak li kien ftiehem biex jixtri. Il-konvenut ighid ukoll li s-*service manager* u Stephen Frendo kienu ssuggerewlu sabiex jgholli d-*dipswitch* tas-salott u jnaqqsu ftit minn tal-bedrooms, u wara li sar hekk, il-problema xorta baqghet.

Kien ghalhekk, ighid il-konvenut, li huwa kien inkariga lil Inginier John Muscat sabiex jezamina dawn il-*units* li kien ikkonfermalu li kien hemm certi units li kienu ta' kapacita inferjuri minn dak miftiehem. L-istess Inginier Muscat infurmah li l-*airconditioning unit* li kien installa fl-appartament tieghu ma setax jinxtghel f'daqqa u dan il-fatt ukoll ma kienx skond ix-xewqa tal-konvenut.

Dwar il-pagamenti li huwa vversa favur is-socjeta attrici, l-konvenut ighid li "*l-ahhar pagament li jien kont ghamilt*

*ghal din is-sistema kien fl-10 ta' Mejju 2007 fejn jien kont ghamilt pagament ta' Lm2,000*" (fol. 45). Wara din id-data, l-konvenut jammetti li huwa ma ghamilx pagamenti ulterjuri minhabba li skond hu, "*... l-problemi li kien hemm fis-sistema kienu baqghu ma ssolvewx*" (fol. 45). Il-konvenut ighid li huwa jhoss li ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici stante li hi ma onoratx il-ftehim milhuq bejniethom u li l-istess socjeta attrici ma kienitx installat dak li kien gie miftiehem.

Finalment, il-konvenut ighid li hu ma kienx sodisfatt bis-sistema installata stante li din ma kienitx skond il-ftehim pattwit u "*barra minn hekk sabiex jergghu jinbidlu l-units ghal dak miftiehem u jinbidel il-copper wiring ikolli nibdel is-soffit tal-appartament kollu li kien swieni €12,811.55 (Lm5,500)*" (fol. 45).

In kontro-ezami, cahad li huwa qatt qal lil Charles Cutajar li f'certu perjodi huwa kien kuntent bis-sistema u li huwa kien sejjer ihallas il-bilanc li kien ghad fadallu.

6. **L-Inginier John Muscat** xehed bil-procedura ta' l-affidavit fejn stqarr li huwa kien gie inkarigat sabiex jaghmel survey u rapport fuq VRF system li giet installata fir-residenza tieghu gewwa Ta' Sliema.

L-ilment tal-konvenut kien li huwa ma kienx kuntent bil-*performance* tas-sistema u dan peress li ma kienx qed ikessah bizzejjed b'mod spejcali fis-sitting/dining room tal-appartament tieghu.

Ix-xhud ighid li wara li kien ra l-kuntratt tal-bejgh tas-sistema u kien ivverifika l-*model numbers* u l-kapacitajiet tal-*units* sab illi kien hemm diskrepanza f'erba' *units*. Ix-xhud ighid li dawn huma:

i. Tnejn mill-*units* li kienu installati fis-*sitting/dining room* kienu ta' kapacita inferjuri minhabba li dawn kienu ta' 7.1 kilowatts kull wiehed minflok 8.0 kilowatts kif kien indikat fil-ftehim;

ii. Il-*unit* appartenenti ghal *bedroom* numru 2 u *bedroom* numru 3 kienu ta' 5.6 kilowatts minflok ta' 4.5 kilowatts kull wiehed.

Huwa qal ukoll li "*sabiex is-sistema tigi installata kif miftiehem iridu jinbidlu kemm il-units tas-sitting/dining room kif ukoll dawk taz-zewg kmamar tas-sodda minhabba l-fatt illi jekk jinbidlu tas-sitting/dining room biss is-sistema tigi overloaded*" (fol. 54). L-Inginier ikompli jghid li "*sabiex dawn jinbidlu, irid ukoll jigi rivedut il-copper piping tal-appartament kollu, jekk Panta Marketing & Services Limited kellhom records ta' kif sar il-copper piping, liema copper piping qieghed imqieghed fuq is-suffett u f'kaz li dan irid jinbidel irid jinqala s-suffett tal-appartament kollu.*" (fol. 54).

Finalment ighid li l-konvenut infurmah li l-addetti tas-socjeta attrici kienu rregolaw id-*dip switch* tal-*units* in kwistjoni sabiex inaqqsu ftit mis-sahha tal-*units* taz-zewg kmamar tas-sodda u jzidu ftit is-sahha tal-*units* fis-*sitting/dining room*. Lanqas b'hekk ma dawn il-*units* lahqu l-kapacitajiet kif miftiehma fil-kuntratt.

Ikkunsidra ulterjorment;

7. Permezz ta' din il-kawza, s-socjeta attrici qeghda titlob il-hlas ta' €2,119.73 u cioe l-bilanc dovut lilha a tenur ta' kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fit-3 ta' Dicembru, 2004 (dok. B1 a fol. 17 et seq). Il-konvenut da parti tieghu stqarr li huwa ma ghandu jhallas xejn lis-socjeta attrici stante li hija ghada sal-lum ma wettqitx l-obbligi kontrattwali taghha u dan peress li hija ma nstallatx l-oggett miftiehem bejn il-partijiet. B'risposta ulterjuri, l-konvenut qal ukoll li l-azzjoni attrici hija perenta a tenur ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Il-konvenut ressaq kontro-talba bbazzata fuq arrikiment indebitu maghmul mis-socjeta attrici fil-konfront tieghu u kif ukoll danni minhabba li s-socjeta attrici installat sistema VRF differenti minn dak miftiehem. Il-konvenut sahaq, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, li huwa kien qieghed jillimita t-talba tieghu ghal ammont

massimu permesibbli mill-ligi u cioe l-ammont ta' €3494. Ghal din il-kontro-talba, s-socjeta attrici qalet li l-kontro-talba hija preskritta a tenur ta' l-artikoli 1027 u 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Qalet ukoll li din il-kontro-talba hija wahda frivola u vessatorja u saret wara li kienet resqet it-talba principali taghha sabiex il-konvenut ihallas il-bilanc dovut.

9. Nibdew bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-konvenut u cioe dik li nsibu fl-artikolu 2148 (b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu tal-ligi jaqra hekk:

2148. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:

(*b*) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut[1];

10. Is-socjeta attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' €2,119.73 minghand il-konvenut a bazi ta' kuntratt li gie ffirmat mill-partijiet fit-3 ta' Dicembru, 2004. Il-prezz tal-kuntratt kien ta' disat elef u seba' mitt lira Maltin (Lm9,700) pari ghal tnejn u ghoxrin elf euro, hames mija erbgha u disghin euro u tnejn u disghin centezmu ta' euro (€22,594.92). Irrizulta mill-provi u dan mhux kontestat li l-konvenut hallas il-maggor parti ta' din is-somma eskluz l-ammont li qieghed jintalab permezz ta' dawn il-proceduri u cioe l-ammont ta' €2,119.73 (Lm910).

11. L-ahhar pagament li l-konvenut ghamel lis-socjeta attrici kien fl-10 ta' Mejju, 2007 ta' Lm2,000 (pari ghal €4,658.75[2]).

12. L-ewwel u qabel kollox, it-Tribunal ghandu jiddeciedi jekk l-artikolu citat mill-konvenut huwiex applikabbli ghal kaz odjern. L-artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 jwaqqa l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti

---

[1] The following actions are barred by the lapse of eighteen months:

(*b*) actions of creditors for the price of merchandise, goods or other movable things, sold by retail;

[2] Ara dok. DA4 a fol. 40.

jew hwejjeg ohra simili, mibjugha bl-imnut. Fil-gurisprudenza taghna nsibu li l-kriterju direttiv biex wiehed jiddistingwi l-grossista mid-dettaljatur hu dak li, filwaqt li l-ewwel wiehed aktarx ibiegh lil min jikkomercja fil-haga, it-tieni wiehed ibiegh aktarx lill-konsumatur u fi kwantitajiet zghar mizurati mill-bzonn tal-istess konsumatur – dak li jfisser illi l-kummerc bl-imnut jikkonsisti fir-rivendita f'partiti zghar ta' merci jew derrati li tal-hanut ("bottegaio") jew minutant jixtri minn ghand negozjant[3].

13. Il-ligi taghna, kif diga rajna, tuza l-kliem 'ta' kredituri' u mhux il-kliem 'ta' kummercjanti'; u ma tuzax il-kelma 'merci' biss, kif f'xi ligi barranija, per ezempju t-taljana, imma zzid ukoll il-kliem 'oggetti jew hwejjeg ohra mobbli'; u ma tuzax il-kliem 'mibjugha lil persuni li ma jezercitawx il-kummerc'; imma tuza l-kelma 'bl-imnut', li mhix uzata fil-ligi taljana; u allura, skond il-ligi taghna, wiehed ghandu jara biss jekk l-operazzjoni kienetx ghall-ingrossa jew bl-imnut, billi l-ligi taghna tikkunsidra biss il-vendita tal-hwejjeg fuq indikati fiha nnfisha u l-kwantitattiv fornit biss[4].

14. Peress li l-ligi taghna tuza l-kelma 'bl-imnut', jidher car li tikkontempla lil dawk kollha, kummercjanti jew le li jbieghu oggetti ta' konsum gjornalier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux. L-espressjoni 'bl-imnut' talludi bilfors ghal hwejjeg zghar; u dan, li l-haga tkun ta' entita zghira, kien il-motiv li gieghel lil-legislatur jistabbilixxi preskrizzjoni qasira, billi mhix haga solita, u lanqas li wiehed ghandu jistenna, li min ibiegh jaghti kredtu ghal zmien twil f'vendita ta' hwejjeg zghar[5].

15. Issa f'dan il-kaz, il-bejgh, fil-fehma tat-Tribunal ma jistax jigi kunsidrat bhala wiehed ta' haga zghira ta' konsum gjornalier u ghaldaqstant ma jistax jigi kkunsidrat bhala bejgh bl-imnut. Il-bejgh f'dan il-kaz kien ta' sistema ta' *air conditioning* li tiswa l-fuq minn tnejn u ghoxrin elf u hames mitt euro (€22,500) u ghalhekk kif diga nghad, ma

[3] **Grazio Debattista vs Nichele Galea** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar it-23 ta' Mejju, 1961 per Onor. Imhallef T. Gouder;

[4] Ibid.
[5] Ibid.

jistax jitqies bhala xi haga zghira ta' konsum ta' kuljum. Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici a tenur ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mqanqla mill-konvenut qeghda tigi michuda ghax ma hijiex applikabbli ghal kaz odjern.

16. Is-socjeta attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tghid li l-fatt li l-konvenut baqa jzomm is-sistema lilu mibjugha minnha, u ma rrejagixxiex meta huwa skopra li l-konsenja ma kenitx konformi mad-dettalji pattwiti, allura l-istess konvenut ippregudika l-posizzjoni tieghu. Is-socjeta attrici ssostni li huwa ukoll messu ddepozita l-istess sistema u mhux baqa jaghmel uzu minnha. It-Tribunal ma jaqbilx ma din is-sottomissjoni. Ibda biex, il-konvenut ighid li huwa nduna li l-*air conditioning units* li gew installati fl-appartament tieghu kienu differenti minn dawk miftehma fil-kuntratt tat-3 ta' Dicembru, 2004 meta huwa rcieva l-ittra datata 14 ta' Awissu, 2007 (dok. JM2 a fol. 50 et seq). Fit-tieni lok, il-konvenut qieghed jitlob il-hlas ghad-danni minhabba li dak mifthiem bejn il-kontendenti fuq il-kuntratt tat-3 ta' Dicembru, 2004 ma inghatax lilu. Li kieku l-konvenut ma riedx jaccetta s-sistema mibjugha lilu allura iva huwa kien ikollu jiddepozita s-sistema, pero, kif inghad, fil-kaz odjern, huwa talab (permezz tal-kontro-talba tieghu) d-danni u allura t-tnaqqis fil-prezz ex artikolu 1390[6]. Ghalhekk, l-istess konvenut ma kellux ghalfejn jiddepozita l-oggett mibjugh lilu[7].

17. Il-konvenut ma huwiex jichad li huwa xtara s-sistema minghand is-socjeta attrici pero qieghed ighid li huwa ma ghandu jhallas xejn lis-socjeta attrici minhabba li l-istess socjeta attrici ghada sal-lum ma wettqitx l-obbligi kuntrattwali assunti minnha minhabba li hija ma nstallatx l-oggett miftiehem bejn il-partijiet. It-Tribunal qed jifhem li l-

[6] **1390.** Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, **jew** li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta'periti.

[7] Ara f'dan is-sens **Victor Spiteri Sacco et vs Tiles and Marble Manufacturing Company Limited** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Frar, 2012 u **Alfred Theuma vs Jupiter Company Limited** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fid-29 ta' Mejju, 2009 per Onor. Imhallef Ph. Sciberras;

konvenut qieghed jaghmel referenza ghad-difiza maghrufa bhala l-*exceptio inademplenti contractus.* **Giovanni Pacchioni** fil-ktieb tieghu **Diritto Civile Italiano**[8] jispjega li "*per exceptio inademplenti contractus si intende, come dice il termine stesso, un' eccezione che il debitore (in base a contratto bilaterale) che venga convenuto dalla contraparte per l'esecuzione della sua propria obbligazione, puo oppore, se la contraparte che agisce contro di lui, non abbia, essa stessa, adempiuto, o non sia pronta ad adempiere*".

18. Il-Kodici Civili taghna jaghmel accenn ghal din l-eccezzjoni fir-rigward tal-bejgh, fejn fl-artikolu 1391 tal-Kapitolu 16 jinghad li:
"Il-bejjiegh mhux obbligat jikkunsinna l-haga jekk ix-xerrej ma jhallasx il-prezz taghha, hlief meta l-bejjiegh ikun ta' lix-xerrej zmien ghall-hlas"

19. Madanakollu huwa accettat fid-dottrina illi din l-eccezzjoni tista tapplika anke fir-rigward ta' kwalunkwe kuntratt bilaterali iehor. "*Ma a nostro parere, e secondo l'opinione prevalente sia in dottrina che in gurisprudenza, l'exceptio inademplenti contractus puo venir opposta in ogni altro caso di contratto sinallagmatico. Ne' varrebbe obiettare, in senso contrario, che il codice civile nostro non menziona in alcun suo articolo l'exceptio non adimplenti contractus, mentre ha, d'altra parte, sufficientemente provveduto a tutelare le parti contraenti coll'art. 1165 cod.civ.,* (simili ghall-artikolu 1068 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet taghna) *relativo alla cosi detta condizione risolutiva tacita. Al silenzio del codice non puo' attribuirsi il significato di esclusione della exceptio non ademplenti contractus perche, con molti altri esempi, puo facilmente dimostrarsi che non tutto il diritto civile vigente e' contenuto e regolato espressamente nel codice civile. Il codice non contiene che lo scheletro del nostro sistema giuridico privato, mentre i tessuti sono, in gran parte, contel complesso delle teorie e dei principii tramandati*

[8] parte seconda Diritto Delle Obligazioni Vol. II Dei Contratti in Generale, capitolo III pagina 39 paragrafo 1

*che si vengono diuturnamente plasmando e riplasmando intorno al codice.*[9]"

20. Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha datata 25 ta' Settembru, 2003 fl-ismijiet **Alexander Bonello noe vs Phoenix Company Limited**[10], spjegat dwar din l-eccezzjoni li:

"F'materja ta' kuntratti min jonqos li jwettaq l-obbligazzjoni li jkun intrabat biha, jkun responsabbli ghad-danni u l-kreditur jista jigi awtorizzat iwettaq hu stess l-obbligazzjoni bi spejjez tad-debitur. Madanakollu meta tinghata l-eccezzjoni 'inadempleti non est adimplendum' jista jkun hemm rabta bejn iz-zewg obbligazzjonijiet imnissla mill-istess rapport sinillagmatiku[11]. Jehtieg li jkun hemm proporzjon bejn l-inadempjenza li biha l-kreditur ikun mixli u dik rifjutata mid-debitur. Fuq kollox in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni irid ikun ta' certa gravita. Meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' hatra ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa obbligat li jaghmel tajjeb ghan-nuqqas jew jaccetta t-tnaqqis f'dak li jisthoqlu li jithallas. F'kaz ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, il-kreditur jista jaghzel jew li jitlob li l-obbligazzjoni titwettaq ukoll kontra r-rieda tad-debitur jew inkella jitlob li jithallas ghad-danni li jkun garrab minhabba n-nuqqas ta' twettiq".

21. Gie ribadit ukoll mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Engineering Services Limited vs Reuter Malta Limited**[12] deciza nhar l-20 ta' Ottubru, 2003 illi:

"Ir-rekwiziti tal-eccezzjoni 'inadempleti non est adimplendum huma tlieta:

---

[9] Ibid para 1 pagna 40;

[10] Per Onor. Imhallef J.R. Micallef;

[11] Ara sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 26 ta' April, 2002 per Onor. Imhallef G. Valenzia fl-ismijiet **St. Andrew's Farm & Building Co. Limited vs Henry Sultana**;

[12] Per Onor. Imhallef Ph. Sciberras;

i. L-inadempjenza tal-attur li tolqot xi obbligazzjoni tieghu trid tkun parti ntegrali mill-ftehim;

ii. L-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur; u

iii. Irid ikun hemm proporzjonalita bejn l-inadempjenza tal-partijiet u cioe li n-nuqqas tal-attur relattivament ghall-prestazzjonijiet li huwa jesigi mill-konvenut tkun ta' certa gravita[13]."

22. Huwa stabbilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' hatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa obbligat li jaghmel in-nuqqas jew jaccetta tnaqqis f'dak li jisthoqqlu jithallas[14].

23. Gie ukoll stabbilit li, f'kaz ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, l-kreditur tal-obbligazzjoni jista jaghzel jew li jitlob li l-obbligazzjoni titwettaq, ukoll kontra r-rieda tad-debitur, jew inkella li jitlob il-hlas ghad-danni li jkun garrab minhabba n-nuqqas ta' twettiq[15].

24. Issa f'dan il-kaz ghandna s-sitwazzjoni fejn:

a) is-socjeta attrici tramite Charles Cutajar, Assitant Manager maghha li qal li huwa gie msejjah diversi drabi sabiex jiccekkja s-sistema tal-*air conditioning* tieghu li kienet giet installata. Huwa stqarr li "*sa fejn niftakar jiena s-sistema dejjem sibtha tahdem tajjeb u cioe dik li kienet installata ghand il-konvenut. Jiena kont gejt imsejjah diversi drabi mill-konvenut peress illi skond hu kien hemm*

---

[13] Ara sentenza tal- Qorti ta' l-Appell (Sede Kummerc) deciza fit-12 ta' Marzu, 1965 fl-ismijiet **Emanuele Aquilina vs Salvatore Aquilina et** fejn inghad li din l-eccezzjoni hi poter moghti lil kontraenti li bih, fil-konkorrenza ta' certi cirkostanzi, hu jista jastjeni ruhu milli jadempixxi l-prestazzjoni tieghu. B'dik l-eccezzjoni hu jipparalizza l-azzjoni avversarja in kwantu li, minhabba fiha, l-attur li ma jkunx hu stess esegwixxa l-obbligazzjoni tieghu, ma jkunx jista jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollu jissubixxi dik is-sitwazzjoni;

[14] **Anglu Busuttil vs Pio Fedele et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' April, 1968 per Onor. Imhallef M. Caruana Curran;

[15] **Carmelo Galea vs Emmanuele Calleja** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Dicembru, 1952 per Onor. Imhallef Dr. A. Magri;

*xi kmamar li ma kienux qeghdin ikesshuhom jew jissahnu. Pero jiena kont mort u sibt l-affarijiet tajbin. Kont mort l-ahhar fix-xitwa meta xeheltlu l-units kollha u deherli illi l-kmamar kienu qeghdin jishnu. Fil-fatt il-konvenut kien prezenti mieghi u kien iccekjahom hu stess. Deher sodisfatt u qalli lili personalment li kien se jigi jhallas il-bilanc* " (fol. 21-22).

b) L-Inginier John Muscat, nkarigat mill-konvenut kien sab li:

i. fis-*sitting/dining room* kienu gew installati zewg *indoor units* ta' 7.1KW minflok dak miftiehem bejn il-partijiet ta' 8.0KW (fol. 35);

ii. fil-kamra tas-sodda numri 1 u 2 [proprjament 2 u 3] kienu gew installati zewg *indoor units* ta' 5.6KW minflok dak miftiehem bejn il-partijiet ta' 4.5KW (fol. 35).

L-istess Inginier a fol. 36 tal-process ighid li "*it should be noted that while it is true that the capacity of the sitting/dining room indoor units has been brought closer to the originally contracted 8.0KW, their capacity still falls short of the contracted specification by five percent. This five percent deficit is significant when one considers that there is barely a thirteen percent increase in cooling capacity from the 7.1KW model to the 8.0KW model*".

25. Jidher bic-car li l-ftehim milhuq u pattwit bejn iz-zewg partijiet fit-3 ta' Dicembru, 2004 ma nzammx fl-intier tieghu mis-socjeta attrici. Dan il-fatt huwa konfermat mir-rapprezentant ta' l-istess socjeta attrici Stephen Frendo li jghid "*... illi din il-laqgha xtaqt naghmilha biex nissorvolaw l-ahhar diskrepanza li kien ghad fadal u cioe diskrepanza ta' xi 1000 BTU's illi ghalina, ghall-airconditioners huwa ammont negligibbli*" (fol. 15). Jirrizulta ghalhekk li l-ewwel zewg elementi ta' din l-eccezzjoni gew sodisfatti mill-konvenut.

26. Imiss li naraw jekk it-tielet element u cioe li l-inadempjenza tas-socjeta attrici kienet ta' certa gravita. Mir-rapport ta' l-Inginier Muscat, jirrizulta li l-*indoor units*

installati fil-kmamar tas-sodda kienu ta’ kapacita ghola minn dak miftiehem. Fil-fatt gew installati zewg *units* ta’ 5.6KW minflok dawk miftehma ta’ 4.5KW. Meta saru l-modifici permezz tad-*dip switch* dawn il-*units* gew ghal kapacita ta’ 5.2KW li hija xorta kapacita ghola minn dik mifthema. Illi ghalhekk isibha ferm difficli t-Tribunal biex jemmen lill-konvenut meta huwa fl-affidavit tieghu a fol. 45 ighid “*Barra minn hekk darba minnhom f’Awissu 2009 niftakar okkazzjoni partikolari fejn f’wiehed mill-kmamar tas-sodda tant ma kienx qed ikessah l-airconditioner fejn sahansitra kenna nixghelu fan mal-airconditioner sabiex inkunu nistghu nkesshuha*”. Jekk l-*air conditioners* kienu ta’ kapacita ghola minn dak miftiehem, kif jista l-konvenut jilmenta mill-fatt li dawn ma kienux qeghdin ikesshu bizzejjed. Del resto, lanqas l-Inginier inkarigat mill-konvenut ma qal fir-rapport tieghu li l-kapacitajiet tal-*indoor units* indikati mis-socjeta attrici fil-kuntratt tat-3 ta’ Dicembru, 2004 kienu hziena. L-ilment tieghu huwa li kien hemm *indoor units* ta’ kapacita ghola (fiz-zewgt ikmamar tas-sodda) jew ta’ kapacita inqas (fis-*sitting/dining room*). Ghalhekk l-unici zewgt *units* li huma ta’ kapacita inferjuri huma dawk tas-*sitting/dining room*. Il-konvenut jilmenta min dan il-fatt peress li ma kienux qeghdin jkesshu bizzejjed. Dawn iz-zewg *units* skond il-ftehim pattwit kellhom ikunu ta’ 8.0KW it-tnejn li meta tghoddhom f’daqqa jigu 16KW. Fir-rejalta gew installati zewg units ta’ 7.1KW il-wiehed li meta tghoddhom it-tnejn f’daqqa jigu 14.2KW. B’hekk bejn dak pattwit u dak li attwalment gie installat hemm diskrepanza ta’ 1.8KW. Meta mbaghad is-socjeta attrici nstallat id-*dip switch*, il-kapacita ta’ dawn iz-zewg *indoor units*, skond ma jirraporta l-istess Inginier John Muscat gew ghal 7.6KW il-wiehed li meta tghoddhom f’daqqa jigu 15.2KW biex b’hekk id-diskrepanza nizlet ghal 0.8KW minflok 1.8KW. Fil-fatt, l-istess Inginier ighid li “*their capacity still falls short of the contracted specification by five percent*” (fol. 36). Illi ghalhekk, bejn dak pattwit u dak moghti – ghalmenu ghaz-zewg *indoor units* li gew installati fis-*sitting/dining room* – jirrizulta li hemm diskrepanza ta’ hamsa fil-mija u dan kif konfermat mill-imsemmi Inginier Muscat. It-Tribunal huwa tal-fehma li dan l-ammont ta’ hamsa fil-mija “*deficit”* ma jissodisfax il-vot tal-ligi ghar-rigward ta’ gravita u

konsegwentement sejjer jghaddi biex jichad l-eccezzjoni tal-konvenut fil-mertu.

27. Nghaddu issa biex naraw il-kontro-talba tal-konvenut fil-konfront tas-socjeta attrici. Permezz taghha, l-konvenut jixli lis-socjeta attrici li hija ghamlet arrikkiment indebitu u kkawzatlu d-danni minhabba li hi nstallat sistema VRF differenti minn dak miftiehem. Din is-sistema hija mwahhla fl-istruttura tal-appartament u ma tistax tinqala minghajr ma ssir hsara kbira. Ghal din il-kontro-talba, s-socjeta attrici qalet li l-kontro-talba hija preskritta a tenur ta' l-artikoli 1027 u 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Qalet ukoll li din il-kontro-talba hija wahda frivola u vessatorja u saret wara li kienet resqet it-talba principali taghha sabiex il-konvenut ihallas il-bilanc dovut.

28. It-Tribunal huwa perpless kif il-konvenut qieghed ighid li s-socjeta attrici ghamlet arrikkiment indebitu a skapitu tieghu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-konvenut fuq dan il-punt ighid li huwa ghamel il-pagamenti lis-socjeta attrici ghax haseb li s-sistema kienet skond kif kienu ftehmu l-partijiet u meta nduna li s-socjeta attrici ma mxietx mal-kuntratt iffirmat fit-3 ta' Dicembru, 2004 huwa kien lehaq ghamel il-pagamenti kollha salv ghal ahhar Lm900. It-tribunal sejjer jichad din il-parti tat-talba stante li ma jirrizultax mill-provi dak li qieghed jallega l-konvenut. Is-socjeta attrici nstallat is-sistema ta' *air conditioning* u ghalkemm irrizulta mit-talba principali li hija ma mxietx skrupolozament ma dak pattwit fil-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet fit-3 ta' Dicembru, 2004 zgur ma jirrizultawx l-estremi ta' l-arrikiment indebitu da parti taghha. In vista tal-fatt li t-Tribunal qieghed jichad din il-parti tat-talba tal-konvenut, huwa mhux ser jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mis-socjeta attrici a bazi ta' l-artikolu 1027[16] tal-Kapitolu 16.

[16] **1027.** L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-disposizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta'sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball.

29. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-ohra, mqanqla mis-socjeta attrici hija dik a bazi ta' l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 liema artikolu tal-ligi jaqra hekk:

**2153.** L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa'bi preskrizzjoni bl-egħluq ta'sentejn.

30. It-Tribunal huwa tal-fehma li dan l-artikolu tal-ligi ma japplikax ghal kaz odjern. Il-preskrizzjoni applikabbli ghad-danni f'dan il-kaz mhix dik tad-danni derivanti mill-kolpa akwiljana jew mill-kwazi delitt u ndikata fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili imma dik ta' hames snin applikabbli ghal kolpa kontrattwali u msemmija fl-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16. Inghad fis-sentenza **Gaetano Spiteri pro et noe vs Thomas sive Tom Castle** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Awissu, 1965 per Onor. Imhallef M. Caruana Curran li "*Il-colpa aquiliana tikkorri meta d-dannu jigi kagonat f'rapport extra-kontrattwali, cioe tillimita ruhha ghal fatt tal-bniedem bhala ksur* ***tad-dover ta' protezzjoni*** *jew ta' dover generali tan-'neminem laedere' kombinat man-negligenza taht l-art. 1075, 1076 tal-Kodici mentri l-colpa jew responsabilita kontrattwali tirrisali ghal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni* ***tad-dover tal-prestazzjoni*** *li l-obbligat ghandu favur il-parti l-ohra*".

31. Illi t-talba ghad-danni hija naxxenti mill-kuntratt iffirmat mill-partijiet u cioe li l-oggett kkonsenjat ma kienx skond il-ftehim milhuq u ffirmat mill-partijiet fit-3 ta' Dicembru, 2004. Ghalhekk, l-artikolu citat ma huwiex applikabbli ghal kaz in dizamina. Ghalhekk it-Tribunal qieghed jichad din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mis-socjeta attrici ghar-rigward tat-talba tal-konvenut.

32. Ghar-rigward tad-danni, t-Tribunal, anke in vista ta' dak diga deciz fit-talba principali qieghed jiddikjara li l-konvenut sofra d-danni meta huwa ma nghatax dak ezattament miftiehem u pattwit bejn l-istess partijiet. Pero, t-Tribunal ma huwiex dispost li jilqa t-talba tal-konvenut fl-ammont massimu mitlub ta' €3,494. Fuq bazi ta' ekwita huwa qieghed jillikwida d-danni subiti mill-konvenut fl-ammont ta' disa mija sitta u hamsin euro (€956) li huma

hamsa fil-mija (5%) tal-valur tal-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet[17] (eskluz il-VAT). Dan il-hamsa fil-mija hija d-differenza fil-kapacita tas-sistema ta’ *air conditioning* bejn dak miftiehem bejn il-partijiet u dik li giet installata fl-appartament tal-konvenut.

33. Ghalhekk it-Tribunal sejjer jilqa t-talba tal-konvenut limitatament fis-somma ta’ €955.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi:

Ghar-rigward tat-talba principali:

i) jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tat-talba attrici skond l-artikolu 2148 (b) tal-kapitolu 16 mqanqla mill-konvenut;

ii) jichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tieghu in kwantu dawn b’xi mod huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma reklamata ta’ elfejn mija u dsatax-il euro u tlieta u sebghin centezmi ta’ euro (€2,119.73) bl-imghaxijiet mid-data ta’ meta l-ammont kien dovut.

Ghar-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut:

i) jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontro-talba skond l-artikolu 1027 tal-kapitolu 16 mqanqla mis-socjeta attrici;

ii) jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontro-talba skond l-artikolu 2153 tal-kapitolu 16 mqanqla mis-socjeta attrici;

iii) jichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha taghha in kwantu dawn b’xi mod huma inkompatibbli ma dak hawn fuq

[17] Lm8,208.34 pari ghal €19,120.29

deciz, u jikkundannaha thallas is-somma ta’ disa mija u sitta u hamsin euro (€956) lill-konvenut bl-imghaxijiet mid-data ta’ din is-sentenza;

L-ispejjez, kemm tat-talba principali u kemm dawk tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------